MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 408/2008

**A & N Properties Limited C 9601**

**Vs**

**Dr Mark Busuttil gie mahtur deputat kuratur skond digriet tal-20 ta' Jannar 2009 sabiex jirraprezenta lil assenti Mateusz Dylewski detendur ta' passaport Kanadiz Numru JP754246.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici tablet sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' €6,277.41 mill-konvenut dovuta in kwantu ghal €4,658.75 rappresentanti arretrati ta' xahrejn kera, Ottubru u Novembru 2008, relattivi ghal flat numru 8, f'Numru 204, Tower Road, Sliema gia' lill-konvenut mikri mis-socjeta' attrici u in kwantu ghal €1,618.66 rappresentanti kontijiet ta' dawl u ilma mhux imhallsa.

BL-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3434/08, u bl-imghax legali mill-avviz sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet hawn fuq imsemmi moghti finalment fl-20 ta' Jannar 2009 (fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi l-esponent mhux edott mill-fatti u ghalhekk qed jirrizerva d-dritt li jipprezenta risposta motivata f'stadju ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' attrici, permezz tal-Avukat Dottor Aldo Vella (fol 14 u 15 ibid) fil-kwalita' tieghu hemm premessa u li esebixxa l-anness ftehim tal-kirja imsemmija fl-avviz in esami (fol 16 sa fol 19 ibid), ikkonferma taht gurament, li l-ammont kollu involut ghadu dovut u dan skond kif specifikat, dejjem fl-istess avviz. L-istess xhud sema' ukoll illi ma kienetx qed tintalab il-penali li l-konvenut nomine inkorra a bazi tal-istess ftehim u li, Malta, gew sekwestrati fondi sufficjenti u li jinsabu depositati fir-Registru ta' din il-Qorti.

Illi, in rigward il-konvenut nomine, jkun sufficjenti li ssir referenza ghan-nota presentata minnu u li tinsab a fol 20 ibid, ma' liema nota gew annessi ittra u "e-mails".

Ikkunsidrat

Illi a bazi ta' dak premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine, fil-kwalita' tieghu

premessa, sabiex jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' €6,277.41 bl-imghax legali mill-21 ta' Novembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 3434/08, imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------